# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 32



John u Anna, koppja jinħabbu u ferħanin bil-familja taghom. Ta' kull sena, fl-anniversarju John ikun irid joħroġ lil martu f'xi lukanda. Anna tgħidlu li kulma tkun trid dak in-nhar li jerġgħu imorru f'dak ir-restaurant partikulari, joqghodu ma' mejda u jieħdu ġelat.

'Imma hekk biss? Dejjem fl-istess post u sempliċiment ġelat?' jghidilha John. U Anna twieġbu, 'Jekk tridni nieħu veru gost, jien hemm jogħġobni – bħal dak in-nhar li ltqajna l-ewwel darba u ħadna ġelat. Għalija dak ifisser ħafna.' Ngħidek li jekk John joffrilha x'joffrilha żgur li ma jagħtihiex aktar gost milli jmorru jieħdu ġelat hemm fejn kienu ltaqghu l-ewwel darba. Taħsbu li John se jiksrilha qalbha?

Anna u l-Madonna. . .
Is-Sempliċi ġelat . . .
f'dak ir-restaurant u r-Rużarju. . .

Għal ħafna r-Rużarju hu antik, monotonu, repetizjoni tal-istess talbiet, dejjem l-istess.
Imma LILHA jogħġobha!
La jogħġobha – sejrin ma nikkuntentawhiex?
Tridu u lilu trid – sejrin ma nagħtuhuliex?
U meta ngħiduh, dejjem nibqgħu niskopru sbuħitu u nindunaw għaliex jogħġobha daqshekk.

**Kemm Santa Bernadette Subirous kif ukoll Santa Maria Goretti kienu jkunu osservati waqt li jirreċitaw ir-Rużarju b'liema ħlewwa u devozjoni kienu jitolbuh hekk li d-dehra ta' wiċċhom kienet issir qisha waħda tas-Sema.**

Nota: Artikola sewwa t-talbiet li tkun qed tlissen. Jekk tgħid: 'Is-Sliem Għalik!' lissinha bħala tislima mbissma. Immaġina fil-menti tiegħek lil Dik li int qed issellem. Ħalli t-tislima tieghek tixbaħ imqar ftit lil dik li taha Gabriel dak in-nhar f'Nazaret. Inqiegħdu aktar qalb u sentiment f'talbna. B'hekk ir-Rużarju jsir aktar prezzjuż għalina u nkunu qed nagħmlulu l-isbaħ reklam għal min bla nintebħu jkun qed josservana.

**San Vinċens Pallotti**
**1798 1850**

Kien jinsisti li r-Rużarju jingħad bid-dekor u bla għaġla. Darba avviċina saċerdot li kien qed jirreċita r-Rużarju bl-għaġla u qallu: 'Li kieku jkollu jkun hawn persuna mħajra titlob titlef l-aptit u tittnaffar!'

San Ġorg Preca darba ħareġ mill-konfessinarju biex iwaqqaf koppja li kienet qed tredden ir-Rużarju b'ħafna għaġla bla grazzja u bla ma parti tistenna l-parti l-oħra ttemm dak li tkun qed tgħid.

X'antipatija !

**Dan jgħodd aktar u aktar għal min imexxi t- Talb fil-knejjes tagħna.**